**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 80 – IT-TNEJN, 13 TA' FRAR 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | | |
|---|---|---|
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | | |
|---|---|---|
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 79

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 79

2.1 Rigward paragrafu 2.3 il-Kunsill ġie nfurmat li ġie l-kuntrattur fuq il-post u għandu jagħmel ix-xogħol fuq il-wiring fi żmien qasir.

2.2 Rigward paragrafu 2.4 reġgħet intbagħtet reminder lil NextBike biex jinbena l-ħajt.

2.3 Rigward paragrafu 7.5 il-Kunsill ircieva mill-FTS li għadhom qed jaħdmu biex jiġi rranġat il-ħsarat.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 70

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie innutat li hemm il-laqgħa Plenarja tal-LCA nhar is-Sibt, 4 ta' Marzu fil-Lukanda Le Meridien, San Ġiljan

5.1 Kien hemm qbil li titħallas il-Group Health Insurance Policy għall-ħaddiema u l-kunsilliera għas-sena 2017.

.

## 5 Korrispondenza

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn persuna li għandha l-propjetà li ser tintuża għal store biex dan ikollu kaxxa safra għal un/loading u ssir rampa għal aċċess. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba ma tiġix milqugħa peress li din il-propjetà hemm biss fetħa ta' bieb dejjaq u mhux bieb ta' garage.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza minn Pi Evolutions Ltd biex il-Kunsill juża s-servizzi ta' din il-kumpanija biex japplika għal fondi ewropej. Kien hemm qbil unanimu biex jibda l-proċess.

## 6 Approvazzjoni Stimi finanzjarji

6.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-Unaudited Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2015. Ġie innutat li kien hemm bilanċ pożittiv f'dawn l-estimi kif ukoll li l-Kunsill kien f'qagħda finanzjarja tajba. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn il-Financial Statements. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Approvazzjoni Budget 2017

7.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-budget propost għas-sena 2017. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġi approvat il-budget. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 8 Affarjiet Oħra

8.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

8.1.1 stimi biex isiru xogħlijiet fi Triq il-Venew u Triq Birkirkara quddiem l-Eco. Kien hemm qbil li jsiru dawn ix-xogħlijiet

8.1.2 rigward is-sleeping policeman fi Triq Salvu Busuttil, il-Kunsill ġie nfurmat li TM awtorizza resident mill-istess triq biex jaqla' din is-sleeping policeman u jġibha l-Kunsill. Il-Kunsill ikkundana din il-prassi li mhux biss awtorizza resident biex jagħmel dan ix-xogħol imma naqqas milli nforma l-Kunsill mod uffiċjali.

8.1.3 kien hemm qbil li jsir double yellow line quddiem sqaq fi Triq San Ġiljan, isir bank ġdid quddiem il-Knisja fejn kien qabel, Ġie innutat ukoll li beda x-xogħol fuq il-mountable roundabout mill-WSC.

8.1.4 Kien hemm qbil li ssir qanpiena fuq il-Kappella ta' Santa Margerita. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat reminder lil TM rigward it-tibdil tal-bus stops li hemm f'kundizzjoni ħażina ħafna.

8.1.5 Kien hemm qbil li tintbagħat komunikazzjoni lir-Reġjun rigward iċ-ċitazzjonijiet li għad hemm pendenti.

8.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

8.2.1 l-iżvilupp li sar quddiem il-Cafe Guilia fejn dan mhux sar canopy, imma kamra magħluqa. Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-PA.

8.2.2 it-tinda li kien hemm tal-fjuri fi Vjal ir-Riħan, fejn din okkupat żewġ parking spaces. Hi ma qabiltx ma' din. Is-Sindku ma qabilx ma din il-pożizzjoni peress li dan kien biss għal żmien qasir ħafna.

8.2.3 Għandha tintbagħat komunikazzjoni lil TM rigward kwantità tal-ilma li jinżel minn Vjal ir-Riħan għal Triq il-Kappella meta tkun ix-xita. Dan qed jaqbeż il-bankina u jidħol fil-każin tal-banda.

8.2.4 Għandha tintbagħat reminder għal quotation tal-ktieb li għandu jjippubblika l-Kunsill.

8.3 Is-Sur Neville Mallia fakkar li għad hemm pendenti ix-xogħol fi Triq Ġorġ Tayar fejn is-soft area għandha titneħħa mill-ħamrija u minflok isir wiċċ tal-konkos.

## 9 Għeluq il-Laqgħa

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 6 ta' Marzu 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |